MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 469/2002

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Joe's Auto Rentals Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mija u tmienja u tmenin lira Maltin (Lm2,188) rapprezentanti import ta' diversi kambjali skaduti u mhux imhallsa, oltre l-imghax relattiv, kif hawn taht spjegat u cioe':

(a) in kwantu ghal Lm1,146 import ta' 9 kambjali, 1 ta' Lm106 (bilanc) u 8 ta' Lm130 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Novembru, 2001, sa' Lulju, 2002, (A/C 981103509) u mhux imhallsa, annessi u mmarkati bin-numri minn 1 sa' 9 konsekuttivament u inklusivament, oltre l-imghax fuq l-istess kambjali li mill-iskadenza ta' kull wahda sat-18 ta' Lulju, 2002, jammontaw ghal Lm41;

(b) inkwantu ghal Lm1,042 import ta’ 7 kambjali, 6 ta’ Lm145 il-wahda u 1 ta’ lm172, debitament accettati u skaduti minn Novembru, 2001, sa’ Mejju, 2002, (A/C 970400777) u mhux imhallsa, annessi u mmarkati bin-numri minn 10 sa’ 16 konsekuttivament u inklusivament, oltre l-imghax fuq l-istess kambjali li mill-iskadenza ta’ kull wahda sat-18 ta’ Lulju, 2002, jammontaw ghal Lm43;

Bl-imghax legali li mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala li sat-18 ta’ Lulju, 2002, jammontaw ghal Lm84, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici li biha stante pagament fil-mori tal-kawza ta’ Lm1,042, in kwantu ghal Lm15 ghall-imghax sal-5 ta’ Settembru, 2002, u l-bilanc ta’ Lm1,027 akkont tas-sorte, irriduciet is-sorte bl-istess somma ta’ Lm1,027 u zzomm ferm il-bilanc tas-sorte ghal Lm1,161 bl-imghax mis-6 ta’ Settembru, 2002, u l-ispejjez tal-kawza.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment iis-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-14 ta’ Novembru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici kif ridotta, u cioe’ ghal elf, mija u wiehed u sittin lira Maltin (Lm1,161) bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

Anthony Zammit
Dep Reg.